



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Jannar 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0345(NLE)

15130/21
ADD 2

PECHE 510

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

- Dikjarazzjoni addizzjonali mill-Iżvezja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni addizzjonali mill-Iżvezja.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja dwar l-aringi fil-Baħar tat-Tramuntana

L-Iżvezja flimkien mal-laqgħa tal-Kunsill AGRIFISH tat-12-13 ta' Diċembru 2021, indikat żball fil-kalkolu tal-kwota Żvediża għall-aringi fil-Baħar tat-Tramuntana (HER/4AB) u pprovdiet il-bażi għall-kalkolu tas-sehem Żvediż f'konformità mas-snin preċedenti, inkluż l-2021. Għalhekk l-Iżvezja antiċipat li dan il-kalkolu kien ser jiġi kkoreġut fid-dawl tal-adozzjoni finali tar-regolament iżda tinnota li dan mhuwiex il-każ. Għalhekk l-Iżvezja tassumi li dan l-iżball flimkien ma' kwalunkwe żball simili ieħor ser jiġu kkoreġuti fl-emenda li jmiss tar-regolament. Għalkemm id-differenza hija żgħira f'termini ta' tunnelli, il-kwistjoni hija ta' importanza ewlenija peress li l-bażi għas-sehem intern Żvediż tal-UE jirriżulta mill-Att tal-adeżjoni Żvediż.
